



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6733/21

SOC 115
EMPL 77
SAN 111

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Awstrija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Awstrija.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003¹ li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019², il-15 ta' April 2019³, l-14 ta' Mejju 2019⁴, is-27 ta' Mejju 2019⁵ u t-8 ta' Lulju 2019⁶ il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2022.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Pia Maria ROSNER-SCHEIBENGRAF, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) Il-gvern tal-Awstrija nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

-
- ¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
 - ² ĠU C 100, 15.3.2019, p. 1.
 - ³ ĠU C 142, 23.4.2019, p. 20.
 - ⁴ ĠU C 167, 16.5.2019, p. 2.
 - ⁵ ĠU C 185, 29.5.2019, p. 3.
 - ⁶ ĠU C 232, 10.7.2019, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sa Christa SCHWENG hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Pia Maria ROSNER-SCHEIBENGRAF, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President
